MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2007

Numru. 578/2003

PULIZIJA
SPETTUR IAN JOSEPH ABDILLA
VS
ANTHONY BEZZINA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anthony Bezzina, ta' 50 sena, iben Xandru u Mikelina nee' Zarb, imwieled San Pawl il-Bahar fis-27 t'Awissu 1952, u minghajr indirizz fiss, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 655852(M); u akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'Dicembru 2000, u f'Jannar u Frar 2001, u fiz-zmien ta' wara, b'diversi atti maghmulin fi zmenijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:
1. b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq

iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, ghamel qliegh globali ta' erbat elef u disa' u sebghin Lira Maltin u erba' u ghoxrin centezmu (Lm4079.24), ghad-dannu ta' Flamingo u ta' Conquest Limited, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. ukoll talli safa recidiv b'sentenzi tal-Magistrati (Malta), datati 16 ta' Lulju 1992, 2 ta' Frar 1996, u 25 ta' Marzu 1998, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (dokument HD3 a fol 26) u tal-imputat (a fol 4) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2007.

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Rat il-verbal tas-7 ta' Mejju 2007 fejn il-Qorti hadet il-kawza ghas-sentenza, bil-fakulta' li l-partijiet jipprezentaw noti ta' osservazzjonijiet.

Rat il-verbal ta' l-4 ta' Lulju 2007, fejn il-partijiet baqghu inadempjenti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi fil-kawza odjerna, l-imputat ammeta ghall-akkuzi dedotti kontra tieghu, u cioe' l-akkuza ta' truffa fejn gew defrodati zewg kumpaniji, u cioe' Flamingo u Conquest Limited, flimkien ma' akkuza ta' recidiva.

Il-fatti fil-qosor, kif spjegati mill-Ispettur Helga Debono, fil-qosor jindikaw illi l-imputat kien mar ghand dawn iz-zewg kumpaniji, bi pretenzijonijiet foloz, fis-sens illi l-imputat kien akkwista diversi oggetti minghand dawn il-kumpaniji, bi pretenzjoni li huwa kuntrattur u li kellu t-'tenders' tal-Gvern f'idejh. B'din il-manjiera, l-imputat akkwista minghand il-Flamingo, wiehed u tmenin (81) 'geaser', waqt li minghand Conquest Limited, l-imputat akkwista kwantita' konsiderevoli ta' patalotti taz-zebgha.

Fix-xhieda ta' Rita Gatt, li esebiet dokument RG, RG1 u RG2, ikkonfermat illi l-imputat ha bil-pretizi foloz, u fit-tlett konsenji, kwantita' ta' zebgha li ammontaw ghal elf mitejn u disa' u tletin Lira Maltin (Lm1239), u li qatt ma ghamel pagament lejn l-istess kumpanija. Dawn it-tlett 'invoices' jinsabu wkoll migbura f'dokument R.

Alex Caruana, Direttur ta' Mirage Holdings li jiggestixxi l-hanut tal-Flamingo, ikkonferma illi ta merkanzija minn ghandu, cioe' konsistenti f'konsenjanza ta' numru ta' 'geasers' konsiderevoli. Minn dan l-ammont, l-imputat ma hallas ebda pagament.

Minkejja dak li jiddikjara l-imputat fis-6 ta' Marzu 2007, u cioe' illi huwa hallas aktar minn nofs l-ammont pretiz fl-akkuzi, l-imputat naqas li jesebixxi xi forma ta' ricevuta biex jipprova dan, anzi rega' pproduca lil Rita Gatt u lil Alex Caruana, **li t-tnejn sostnew fix-xhieda taghhom tas-7 ta' Mejju 2007, illi l-imputat ma ghamel ebda forma ta' pagament mid-debitu originali li ghamel maz-zewg kumpaniji.**

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuzi, u wara li rat l-Artikoli 308, 309, 310, 49, 50, 28A u 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal sena prigunerija sospizi ghal sentejn, filwaqt li tordna hrug ta' 'compensation order' u tordna li l-imputat ihallas lil Flamingo, is-somma ta' elfejn tmien mija u erbghin Lira Maltin (Lm2840). In oltre, din il-Qorti tordna wkoll li l-imputat ihallas is-somma ta' elf mitejn u disa' u tletin Lira Maltin (Lm1239) lil Conquest Limited, u dan fi zmien sitt xhur mid-data ta' din is-sentenza.

Il-Qorti spjegat lill-imputat l-import u l-konsegwenzi ta’ sentenza sospiza u ‘compensation order’.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------